

Il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2009

## **Il-ħarsien tal-konsumatur, partikolarment tal-minorenni, fir-rigward tal-użu tal-logħob tal-kompjuter**

P6\_TA(2009)0126

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2009 dwar il-ħarsien tal-konsumaturi, partikolarment tal-minorenni, fir-rigward tal-użu ta' logħob tal-kompjuter (2008/2173(INI))**

(2010/C 87 E/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-22 ta' April 2008 dwar il-ħarsien tal-konsumaturi, partikolarment tal-minorenni, fir-rigward tal-użu ta' logħob tal-kompjuter (COM(2008)0207),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2002 dwar il-ħarsien tal-konsumaturi, partikolarment taż-żgħażaġh, permezz tat-tikkettar ta' ċertu logħob tal-vidjow u logħob tal-kompjuter skont l-età<sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 2006/952/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-ħarsien tal-minorenni u tad-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt ta' tweġiba fir-rigward tal-kompetittività tal-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u tal-informazzjoni online<sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar approċċ Ewropew għal-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali (COM(2007)0833),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni kif ukoll tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0051/2009),
- A. billi l-popolarità tal-logħob tal-kompjuter hija kbira u qed tiżdied fl-Ewropa u s-suq għal-logħob tal-kompjuter qed jikber b'mod rapidu,
- B. billi l-biċċa l-kbira tal-logħob tal-kompjuter mhumiex vjolenti u jipprovdu divertiment lil min jużahom kif ukoll ħafna drabi jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' diversi hilit u tal-għarfien,
- C. billi fil-passat il-logħob tal-kompjuter kien l-aktar iffukat għall-minorenni, imma llum aktar logħob tal-kompjuter qed ikun magħmul għall-adulti,
- D. billi s-suq tal-logħob tal-kompjuter hu globali,
- E. billi hu fil-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar miżuri li jillimitaw il-bejgħ ta' logħob tal-kompjuter jew li jipprojbixxuhom,
- F. billi l-ħarsien tas-saħħa mentali tat-tfal teħtieġ li ma jkunx hemm tolleranza u li jkun hemm azzjoni deċiża kontra l-ksur tad-dispożizzjonijiet għall-ħarsien tat-tfal marbutin mal-logħob tal-kompjuter,

<sup>(1)</sup> ĠU C 65, 14.3.2002, p. 2.

<sup>(2)</sup> ĠU L 378, 27.12.2006, p. 72.

Il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2009

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni msemmija hawn fuq dwar il-ħarsien tal-konsumaturi, partikolarment tal-minorenni, fir-rigward tal-użu ta' loġhob tal-kompjuter;
2. Jenfasizza l-kontribuzzjoni tas-settur tal-loġhob fil-kisba tal-oġġettivi tal-aġenda ta' Liżbona u jenfasizza l-aspetti multikulturali ta' ħafna loġhob;
3. Jenfasizza li l-loġhob tal-kompjuter huwa stimulant kbir li minbarra d-divertiment jista' jintuża għal skopijiet edukattivi; hu tal-fehma li l-iskejjel għandhom jiddedikaw ħin għal-loġhob tal-kompjuter u jinfurmaw lit-tfal u lill-ġenituri dwar il-benefiċċji u l-iżvantaġġi li għandu l-loġhob tal-kompjuter;
4. Jišhaq li l-loġhob tal-kompjuter huwa wieħed mill-attivitajiet rikreattivi favoriti taċ-ċittadini ta' kull età u ta' kull estrazzjoni soċjali; jagħraf il-valur edukattiv tal-loġhob tal-kompjuter, inkluż li jgħin lill-minorenni jiffamiljarizzaw ruħhom mat-teknoloġiji l-ġodda; jaqsam, iżda, il-preokkupazzjoni espressa mill-Kummissjoni dwar il-ħsarat potenzjali li jiġu mill-użu ħażin tal-loġhob tal-kompjuter mill-minorenni;
5. Hu tal-fehma li l-loġhob tal-kompjuter jista' jstimula l-akkwist ta' fatti u ħilet bħall-ħsieb strateġiku, il-kreattività, il-koperazzjoni u l-ħsieb innovattiv, li huma ħilet importanti fis-soċjetà tal-informatika;
6. Jenfasizza l-benefiċċji tal-loġhob tal-kompjuter fil-mediċina u, b'mod partikolari, li l-hekk imsejħa "terapija tal-loġhob tal-kompjuter" ġiet ippruvata li kienet effettiva għar-riabilitazzjoni tal-pazjenti li sofrew puplesija, persuni bi ħsara trawmatika f'moħħhom, persuni bi problemi muskolari u tfal li għandhom l-awtiżmu;
7. Hu tal-fehma li r-regoli tat-tikkettar armonizzati għal-loġhob tal-kompjuter jiżguraw għarfien imtejjeb tas-sistemi tat-tikkettar u fl-istess ħin jippromwovu t-tħaddim effettiv tas-suq intern; għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jippromwovi l-adozzjoni ta' regoli tat-tikkettar fl-UE kollha dwar loġhob tal-kompjuter u joħloq kodiċi ta' kondotta volontarja dwar loġhob interattiv maħsub għat-tfal;
8. Jinnota li l-kundizzjonijiet tas-suq inbidlu sew minn sitwazzjoni fejn il-loġhob tal-kompjuter kien l-aktar mixtri fi ħwienet u jintlagħab fuq kompjuter jew console għas-sitwazzjoni preżenti fejn il-loġhob jista' jinxtara u jitniżżel mill-internet;
9. Jinnota li l-loġhob tal-kompjuter jista' jintlagħab fuq pjattaformi differenti bħal consoles u kompjuters personali, imma qed jiżded l-użu fuq apparat mobbli bħat-telefown ċellulari;
10. Ifakkar li l-loġhob tal-kompjuter qed isir aktar interattiv jew qed ikollu wkoll kontenut dinamiku li jippermetti li l-utenti jiżviluppaw partijiet tal-loġhba huma stess; jinnota li l-utenti għandhom possibiltà akbar li jieħdu sehem f'forum ta' diskussjonijiet, f'chat testwali jew bil-vuċi, u f'komunitajiet li jkunu integrati f'ċertu loġhob tal-kompjuter; ifakkar fid-differenza fis-suq b'aktar loġhob iddisinjat speċjalment għall-adulti;
11. Hu tal-fehma li x-xejriet reċenti jżidu l-importanza li tkun assigurata protezzjoni adegwata tal-minorenni, inter alia, billi jkun evitat li dawn ikollhom aċċess għall-kontenut li jagħmel il-ħsara;
12. Ifakkar li l-kontroll tal-ġenituri qed isir aktar diffiċli minħabba l-fatt li d-distribuzzjoni tal-loġhob tal-kompjuter online mhux qed isir permezz ta' pakkett fiżiku b'tikketta ċara u faċli tinqara u minħabba l-fatt li t-tfal jistgħu, mingħajr ma jkunu jafu l-ġenituri jew mingħajr il-kunsens tagħhom, iniżżlu loġhob tal-kompjuter li ma jkunux adattati għall-età tagħhom;
13. Jinnota li, filwaqt li l-vjolenza fil-loġhob tal-kompjuter ma twassalx awtomatikament għal imġiba vjolenti, xi esperti madankollu huma tal-opinjoni li l-espożizzjoni fit-tul għal xeni ta' brutalità fil-loġhob tal-kompjuter jistgħu jħallu impatt negattiv fuq il-persuni li jilagħbu dan il-loġhob, li potenzjalment iwassal għal imġiba vjolenti; jinnota, għalhekk, li għandha tittieħed strateġija ta' prekawzjoni meta jiġi kkunsidrat l-impatt tal-loġhob fuq l-imġiba, u speċjalment fuq dik ta' tfal zġar;
14. Jenfasizza li l-vizzju hu problema għal uħud mill-utenti tal-loġhob; jistieden lill-produtturi, lill-bejjieġha bl-imnut, lill-ġenituri u l-partijiet interessati l-oħra biex jieħdu passi ħalli jevitaw kwalunkwe effett negattiv;

**Il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2009**

15. Jenfasizza li l-iżvilupp attwali jżid il-ħtieġa ta' sistemi ta' verifika effettiva tal-età għal-logħob u l-aktar għal-logħob online;
16. Hu tal-fehma li għandhom ikun eżaminati metodi differenti biex jissaħħaħ il-kontroll tal-logħob bil-kompjuter, waqt li fl-istess ħin ikun aċċettat li l-ebda sistema ma tista' tipprovdi garanzija assoluta li t-tfal ma jkollhomx aċċess għal logħob bil-kompjuter mhux xieraq;
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri f'koperazzjoni mal-industrija biex jesploraw il-vantaġġ li tkun żviluppata "buttuna ħamra" li tista' tkun installata fuq console (mobbli) jew fuq apparat tal-logħob u kompjuters u li tista' twaqqaf ċertu logħob jew li tista' tikkontrolla l-aċċess għal-logħob waqt ċertu ħin jew ċerti partijiet ta' logħba;
18. Jitlob li f'dan ir-rigward ikun hemm sforzi addizzjonali, kif ukoll il-possibilità li jkun hemm twissija akustika fis-sistema tal-ikklassifikar tal-età tal-Infommazzjoni Pan-Ewropea dwar il-Logħob (PEGI) u jinsab fiduċjuż li s-settur professjonali tal-logħob se jintegra b'mod sistematiku mudelli ta' aċċess għal-logħob online, sabiex jiżgura li l-minorenni ma jkunux esposti għal materjal online perikoluż;
19. Jenfasizza l-importanza ta' miżuri ta' kontroll adegwat għal xiri online relatat ma' logħob tal-kompjuter, inklużi xiri li juża karti ta' kreditu jew vouchers;
20. Hu tal-fehma li l-iżviluppi relatati ma' logħob tal-kompjuter, u partikolarment logħob tal-kompjuter online, jeħtieġu aktar għarfien pubbliku dwar il-kontenut ta' logħob tal-kompjuter, dwar il-kontroll tal-ġenituri u ta' strumenti bħas-sistema tal-ikklassifikar tal-età tal-Infommazzjoni Pan-Ewropea dwar il-Logħob (PEGI); jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol li sar mill-industrija biex timplimenta l-awtoregolazzjoni;
21. Jilqa' s-sistema PEGI Online, li hija żvilupp loġiku tal-PEGI li jittratta l-logħob tal-kompjuter disponibbli fuq l-internet, bħal-logħob li jitniżżel jew il-logħob online; jappoġġja t-tkomplija tal-kofinanzjar tagħha mill-Kummissjoni permezz tal-Programm Internet aktar Sikur, li l-għan tiegħu huwa li jittratta kwistjonijiet relatati mal-użu sikur tal-Internet mit-tfal u ta' teknoloġiji online ġodda; jistieden lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-Programm Internet aktar Sikur, biex tippromwovi studju sistematiku dwar l-effetti tal-logħob tal-kompjuter fuq il-minorenni;
22. Jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol li sar mill-Kunsill tal-Ewropa biex jistabbilixxi linji gwida għal-logħob bil-kompjuter kif ukoll biex jippromwovi l-għarfien fost it-tfal dwar is-sikurezza tal-internet b'mod ġenerali;
23. Iqis li għandhom ikunu organizzati kampanji ta' infommazzjoni nazzjonali u kampanji li joħlqu kuxjenza fost il-konsumaturi, b'mod partikolari għall-ġenituri, biex jgħinuhom jagħżlu logħob tal-kompjuter li huma adattati għall-età u għar-rekwiżiti ta' għarfien tat-tfal tagħhom u biex jevitaw prodotti li mhumiex tikkettati b'mod xieraq; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaqsmu l-aħjar Prattiki f'dan il-qasam;
24. Hu tal-fehma li l-introduzzjoni tas-sistema PEGI biex tikklassifika l-logħob hi mezz importanti li tejjbet it-trasparenza għall-konsumaturi, speċjalment għall-ġenituri, meta dawn jixru l-logħob billi tippermettilhom jagħmlu għażla meqjusa dwar jekk logħba hijiex adattata għat-tfal; jiddispijaċih, madankollu, li ħafna konsumaturi u speċjalment ġenituri ma jidherx li għandhom biżżejjed taġrif dwar il-logħob bil-kompjuter u l-effetti possibbli tiegħu fuq it-tfal;
25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi miżuri li jikkontribwixxu għal ambjent aktar sikur għal-logħob tal-kompjuter online, inklużi metodi innovattivi li jwaqqfu lill-minorenni milli jkollhom aċċess għal-logħob tal-kompjuter online b'kontenut li ma jkunx xieraq għalihom;
26. Jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu jaħdmu mill-qrib flimkien ħalli jippromwovu l-ħarsien tal-minorenni; jistieden l-industrija tal-logħob tal-kompjuter u tal-console, biex itejbu s-sistemi tal-PEGI u tal-PEGI Online, b'mod partikolari, biex regolament ikunu aġġornati l-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-età u t-tikkettar, biex il-PEGI tkun irriklamata b'mod aktar effettiv u biex tiżded il-lista tal-firmatarji; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li kwalunkwe sistema ta' klassifikar nazzjonali ma tiżviluppax b'mod li twassal għall-frammentazzjoni tas-suq;

Il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2009

27. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u ma' partijiet oħra interessati, permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, biex iqajmu kuxjenza fost il-konsumaturi, speċjalment fost il-konsumaturi żgħażaġh, u l-ġenituri tagħhom, dwar is-sistemi ta' klassifikar fis-seħħ u b'mod partikolari s-sistema PEGI; jenfasizza l-importanza li din l-informazzjoni tkun ippruvata fl-iskejjel;
28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jmessu kampanji ta' informazzjoni għall-ġenituri u l-għalliema tal-iskejjel bit-tir li jimtela l-vojt ġenerazzjonali fit-teknoloġija u għall-promozzjoni tal-PEGI u s-sistemi PEGI online u ta' użu aktar sikur u aktar konxju mit-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-logħob tal-kompjuter;
29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-awtoritajiet edukattivi nazzjonali kompetenti fuq medda ta' żmien qasir sabiex il-litteriżmu dwar il-logħob ikun integrat fl-oġettivi edukattivi tal-iskejjel primarji u sekondarji; jitlob li jkun hemm skambju regolari ta' esperjenzi u informazzjoni mill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jiġu żviluppatti prattiki tajbin rigward il-logħob tal-kompjuter;
30. Jenfasizza li attwalment mhux l-Istati Membri kollha għandhom regoli li jiżguraw li l-bejjiegħa bl-imnut jillimitaw il-bejgħ ta' logħob vjolenti għall-adulti, u jistieden lill-proprjetarji ta' internet cafe biex jevitaw li t-tfal jilagħbu logħob li jkun ikklassifikat għal età ogħla fl-internet cafe tagħhom; jirreferi għall-istħarriġ tal-Ewrobarometru "Lejn l-użu aktar sikur tal-Internet mit-tfal fl-UE - il-perspettiva tal-ġenituri" <sup>(1)</sup>, ippubblikat fid-9 ta' Diċembru 2008, li sab li 3,2 % tat-tfal ta' bejn is-6 u s-17-il sena għandhom aċċess għall-internet minn internet cafes bla superviżjoni mill-adulti; hu tal-fehma li metodu komuni ta' sanzjonijiet qawwija għall-bejjiegħa bl-imnut u proprjetarji ta' internet cafe ikun ta' benefiċċju; jistieden, għalhekk lill-Istati Membri biex jadottaw miżuri adegwati li ma jħallux tfal jixtru u jilagħbu logħob li jkun ikklassifikat għal livell ta' età ogħla, pereżempju permezz tal-kontroll tal-identità; jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi introdott kodiċi ta' kondotta pan-Ewropea għall-bejjiegħa bl-imnut u għall-produtturi tal-logħob tal-kompjuter sabiex ikun evitat il-bejgħ ta' logħob tal-kompjuter vjolenti u li jagħmel ħsara lill-minorenni;
31. Jistieden lill-Istati Membri biex jabbozzaw leġiżlazzjoni ċivili u kriminali speċifika dwar il-bejgħ bl-imnut ta' logħob għat-televisin, għall-vidjow u għall-kompjuter li jkun vjolenti; jikkunsidra li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil-logħob online immirat primarjament għat-tfal u ż-żgħażaġh li l-iskop tiegħu huwa l-profit;
32. Jistieden lill-Kummissjoni biex ma tinkuraġġix, permezz ta' miżuri leġiżlattivi speċifiċi, l-użu ħażin tal-logħob online għal attivitajiet kummerċjali diżonesti, bħalma huma dawk li b'mod diżonest iwasslu lill-utenti ta' taħt l-età biex jidħlu f'impenji legali (eż. permezz ta' abbonamenti awtomatizzati jew il-programmi ta' telefonar malizzjużi li jużaw linji għaljin) u li jibagħtu messaġġi promozzjonali antikompetittivi (eż. il-pjazzament ta' prodotti jew tekniki okkulti oħrajn ta' marketing);
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu mal-awtoritajiet f'partijiet oħra tad-dinja ħalli jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' linji gwida internazzjonali, ta' sistema ta' tikkettar u ta' kodiċi ta' kondotta li jippromwovu sistemi ta' kklassifikar globali għal-logħob bil-kompjuter u l-logħob online;
34. Hu tal-opinjoni li l-industrija għandha tkun imħeġġa li tiżviluppa u ttejjeb aktar is-sistemi awtoregolatorji u li attwalment mhemmx hteġa għal-leġiżlazzjoni li tiġbor l-UE kollha f'dan il-qasam;
35. Ifakkar f'kem hu importanti li l-midja tqajjem is-sens ta' responsabilità fost il-ġenituri u li tirristrinġi r-reklamar ta' logħob tal-kompjuter tal-kbar għall-ħinijiet meta t-tfal jaraw anqas it-televiżjoni;
36. Huwa tal-fehma li l-awtoritajiet pubbliċi li huma responsabbli li jipprojbixxu l-logħob tal-kompjuter għandhom jinfurmaw lill-partijiet korrispondenti tagħhom fi Stati Membri oħra u jippubblikaw il-projbizzjoni fis-sistema tal-PEGI billi jibagħtu messaġġ ta' allarm awtomatiku;
37. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-qafas tal-programm MEDIA u tal-mekkaniżmi nazzjonali għall-eżenzjoni mit-taxxa, tappoġġja żviluppi ġodda f'dan is-settur li qed jikber malajr tal-ekonomija ta' għarfien kreattiv, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-elementi edukattivi, multimedjali u kulturali tal-logħob tal-kompjuter u permezz ta' opportunitajiet ekwivalenti ta' taħriġ u korsijiet ta' studju;

<sup>(1)</sup> [http://ec.europa.eu/public\\_opinion/flash/fl\\_248\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_248_en.pdf).

**Il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2009**

38. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa linji gwida għall-prevenzjoni ta' kull kunflitt ta' interess possibbli fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-klassifikazzjoni u għall-ħarsien tal-indipendenza ta' tali organizzazzjonijiet mill-gruppi ta' interess marbutin mal-industrija;

39. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

**L-iżvilupp ta' Żona Komuni tal-Avjazzjoni mal-Iżrael**

P6\_TA(2009)0127

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2009 dwar l-iżvilupp ta' Żona Komuni tal-Avjazzjoni mal-Iżrael (2008/2136(INI))**

(2010/C 87 E/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2007 intitolata "L-iżvilupp ta' Żona Komuni tal-Avjazzjoni mal-Iżrael" (COM(2007)0691),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2006 dwar l-iżvilupp tal-aġenda għall-politika esterna dwar l-avjazzjoni tal-Komunità <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar it-Trasport u t-Turiżmu (A6-0090/2009),
- A. billi l-konverġenza tar-regolamenti hija meħtieġa biex il-ftehimiet komprensivi dwar l-ajru jiġu konklużi b'suċċess, b'mod speċjali fejn jidħlu r-regolamenti dwar is-sikurezza, is-sigurtà, il-kompetizzjoni, l-għaj-nuna statali, l-ambjent u d-drittijiet għall-impjieg tal-ħaddiema,
- B. billi waqt in-negozjati tal-ftehim komprensiva dwar it-trasport bl-ajru mal-Iżrael, il-Kummissjoni jkollha tistrieħ fuq il-ħila esperta u l-informazzjoni tal-Istati Membri u ta' partijiet oħra interessati u jkollha tinvolvehom qabel, matul u wara n-negozjati,
- C. billi l-Iżrael huwa l-aktar suq importanti għall-avjazzjoni fil-Lvant Nofsani b'potenzjal kbir ta' tkabbir, u billi għandu pożizzjoni strateġika bħala pont bejn l-Ewropa u l-Lvant Nofsani u lejn reġjuni li huma aktar imbiegħda,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-bidu tan-negozjati mal-Iżrael fuq il-ftehim komprensiva dwar it-trasport bl-ajru;
  2. Jenfasizza l-importanza tal-ftehim minħabba li din toħloq il-kundizzjonijiet biex tiġi estiża ż-Żona Komuni tal-Avjazzjoni;
  3. Jenfasizza li l-ftehim ma għandhiex tillimita l-livell tal-aċċess tas-suq li diġà ntlaħaq fil-ftehimiet bilaterali eżistenti;

<sup>(1)</sup> ĠU C 287 E, 24.11.2006, p. 84.